MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2006

Numru 314/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**Vs**

Stacy Chircop

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Stacy Chircop ta' karta ta' identita' numru 395171(M), akkuzat talli:

1. Fl-4 ta' April 2005, wara nofsinhar ghal habta ta' 15:00 hrs, gewwa Tas-Sliema u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni u dak is-servizz

u dan bi ksur ta’ l-artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb fuq l-Ispettur Daniel Zammit, PC1314 Ambrogio u PS1268 Ivan Caruana, li hija vjolenza pubblika, li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 98 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi vjolenza jew theddid prova jgieghel ufficjal pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x’taqsam mal-kariga taghhom, u dan bi ksur tal-artikolu 91 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn stallazzjoni, apparat, strument jew accessorji ohra ghal ghanijiet barra minn dak li huma provduti; u aktar talli ghamel uzu minn sistema ta’ telefon ghal skop illegali jew mhux xieraq; u aktar talli ghamel uzu minn sistema tal-telefon sabiex johloq dwejjaq, inkonvenjent jew inkwiet lill-Ispettur Daniel Zammit u PC1314 Ambrogio;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded serjament bil-mezz ta’ karta miktuba jew bil-fomm lill-Ispettur Daniel Zammit u PC1314 Ambrogio b’delitt sew jekk b’mod anonimu, kemm jekk iffirmat bl-isem tieghu jew b’isem mahluq, u dan ai termini tal-Artikolu 249 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ l-Ispettur Daniel Zammit u PC1314 Ambrogio, weggahom bi kliem, b’gesti jew kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor u dan ai termini ta’ l-artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel attentat ta’ korruzzjoni ta’ xhud, perit jew interpretu fl proceduri civili

jew kriminali u dan ai termini ta’ l-artikolu 102(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bezaq xi sustanza jew nehha mahta mill-imnieher, jew halla jew nehha excreta tal-bniedem, inkluz vomtu, jew halla jew iddepozita exkreta materjali ta’ l-annimali fuq jew ghal fuq xi triq jew xi post pubbliku, u cioe’ fuq ufficjali tal-Pulizija u dan ai termini tar-regolament 4(e) Skeda 1 ta’ l-Avviz Legali 344 tal-2005.

9. Fl-istess data, ghal habta tat-18:00 ta’ fil-ghaxija gewwa ic-centru tas-Sahha tal-Gzira, bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja u dan ai termini ta’ l-artikolu 110(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

10. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri krimimali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan ai termini ta’ l-artikolu 110 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

11. Il-Qorti hija mitluba meta jidhrilha xieraq biex tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

12. Sar recediv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat huma f'numru konsiderevoli izda jidher li ghandhom origini wahda, cioe', li fid-data u hin specifikata bint l-imputat iddahlet l-isptar u l-imputat, li fiz-zmien in kwistjoni kien marbut b'kundizzjoni li ma johrogx mid-dar, ried imur izurha. Difatti fl-udjenza tal-lum gie verbalizzat li l–partijiet kienu qeghdin jaqblu li l-incident li ta lok ghal akkuzi kien frott ta' malintiz.

Fuq l-iskorta ta' dan l-imputat irregistra ammissjoni volontarja u nkondizjonata.

Din il-Qorti tara ghalhekk li jezistu elementi u cirkostanzi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena.

Rat l-Artikoli 95, 96, 91, 249, 252, 102(b), 110(1)(2), 49, 50 u 17 u l-Avviz Legali 344/2005 regolament 4(e) Skeda 1 tiddecidi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' sena mill-lum u timponilu ammenda ta' Lm5 rigward it-tmien akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------